**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 5 ta' Novembru, 2015

Rikors Nru : 274/14 AL

**A B (Karta tal-identita' numru 0566985 (M)) f'isimha personali u bhala kuratrici ad litem ta' binha I P, imwieled fit-13 ta' Mejju 2008**

**vs**

**C D (Karta tal-identita numru 0221477 (M)),**
**S P (Karta tal-identita numru 0086283 (M)),**
**u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu ir-rikorrent ippremettiet:

<u>Dikjarazzjoni tal-Oggett tal-Kawza</u>

1. L-esponenti A B hija omm il-minorenni bl-isem ta' I P, imwieled fit-13 ta' Mejju 2008. Mat-twelid, l-intimat S P kien resaq sabiex gharaf lill-minorenni hawn imsemmi bhala ibnu,

u dan kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid tal-iben hawn anness (Dok ‘A’);

2. Gara izda illi fl-ahhar jiem, irrizulta minn test tal-paternita’ mehud privatament illi l-missier naturali ta’ I P huwa fil-fatt l-intimat C D, li mieghu l-istanti illum qeghda f’relazzjoni stabbli (Dok ‘B’) u mhux l-intimat S P, kif precedentament mahsub;
3. Huwa fl-interess ta’ kulhadd, partikolarment tal-minorenni I P, illi tigi stabbilita l-paternita tal-istess minorenni bl-ghan illi tigi ordnata r-registrazzjoni ta’ dik il-paternita’ fl-atti tal-istat civili relattivi;
4. Ir-rikorrenti A B (Karta tal-Identita’ numru 0566985 (M) taf b’ dawn il-fatti kollha personalment;

<u>Talbiet</u>

Talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex previa kwalunkwe dikjarazzjoni meqjusa necessarja u opportuna:

(1) Tiddikjara, okkorrendo, permezz ta’ periti nominandi, illi l-monorenni I P huwa l-wild naturali u bijologiku tal-intimat C D;

(2) Tordna t-tiswijiet kollha mehtiega fl-att tat-twelid relattiv tal-minorenni I P, bin-numru progesiv 1721/2008, fis-sens illi minflok l-isem “S P (Pieta’ Malta)” fil-kolonna intestata ‘Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-Missier’ jitnizzel “C D (Pieta’ Malta)”, u ssir ukoll kull tiswija jew annotazzjoni ohra necessarja, u dan flimkien ma kull taghrif iehor talvolta mehtieg mill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ghat-tiswijiet hawn rikjesti;

(3) Tordna wkoll illi l-minorenni I P jiehu l-kunjom tal-missier naturali tieghu, u cioe’ “D”, minflok “P”;

(4) Taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra illi jidhrulha idoneji fic-cirkostanzi;

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimati, jew min minnhom, illi jinsabu minn issa ingunti ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li in forza taghha eccepixxa :

1. Illi qed jiġi rilevat li fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita' tal-minuri I P, l-esponent naturalment m'huwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi l-informazzjoni kif tniżlet fl- Atti tat-Twelid, tal-imsemmi I P u bin-numru ta' reġistrazzjoni 1721/2008, ġiet iffirmata minn S P u A B stess u b'dik il-firma it-tnejn kkonfermaw d-dettalji li huma imniżżlin fl-att innifsu u cioe anke l-fatt li l-minuri kien imniżżel bħala wild ta' S P.

3. Illi dejjem bla ħsara għal dak fuq premess, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti jistieden lill-istess C D sabiex permezz ta' nota jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament (1) l-età tiegħu meta twieled il-minuri I P, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta twieled l-imsemmi minuri I P, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieled il-minuri I P. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferit I P;

4. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u għalhekk huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Semghet lix-xhieda illi tressqu ;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li tressqu u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-konvenuti C D u S P, ghalkemm debitament notifikati, ma pprezentawx ir-risposta guramentata taghhom u ghalhekk huma kontumaci f'din il-kawza;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex ic-certifikat tal-minorenni I P imwieled fit-13 ta' Mejju 2008 jigi emendat fis-sens li missier l-istess minorenni ma jiqbax jidher bhala S P izda jibda jidher bhala l-wild naturali tal-konvenut l-iehor Cd D. Il-konvenuti Cd D u S P ma irrispondewx din il-kawza u ghalhekk huma kontumaci.

**Il-mertu tal-kaz**

Il-Qorti tirrileva li precedentement gie mahsub mill-attrici A B li l-minuri binha I P li twieled fit-13 ta' Mejju 2008[1] kien iben il-konvenut S P u fil-fatt l-istess kien resaq sabiex jaghraf lill-minorenni bhala ibnu. Jirrizulta pero' li l-attrici bdiet relazzjoni mal-konvenut l-iehor C D li ghadha mieghu sal-lum, u ghalhekk il-konvenut C D, l-attrici u l-minorenni I P resqu privatament ghat-test xjentifiku tad-DNA biex jistabilixxu l-paternita' ta' l-istess minuri. Illi mit-test tad-DNA[2] esebit gie ikkonfermat li l-minuri I P huwa verament il-wild naturali tal-kovenut C D. Dan it-test gie ikkonfermat bil-gurament[3] u ghalhekk ma hemm l-ebda kontestazzjoni fuq il-veracita' tieghu.

**Dwar l-eccezzjonijiet imressqa mid-Direttur tar-Registru Pubbliku**

[1] Kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid esebit a fol 4 tal-process
[2] Ezebit a fol 5 tal-process
[3] Ara fol 21 tal-process meta Chev Dr Renald Blundell ikkonferma l-istess test esebit a fol 5 tal-process bil-gurament tieghu permezz t'affidavit

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni din tittratta l-mertu tal-kaz odjern, u il-Qorti tirrileva li l-attrici irnexxielha tipprova t-talbiet taghha u dan stante li huwa ippruvat mit-test tad-DNA esebit in atti li verament il-minuri I P m'huwiex il-wild naturali ta' l-intimat S P izda huwa l-wild naturali ta' l-intimat R D.

Illi dwar it-tieni eccezzjoni, huwa minnu li l-Att tat-Twelid ta' l-imsemmi I P bin-numru ta' registrazzjoni 1721/2008 gie iffirmat minn S P u A B stess u bil-firma taghhom huma ikkonfermaw id-dettalji li huma mnizzlin fl-att innifsu, u cioe' l-fatt li l-minuri kien imnizzel bhala wild ta' S P, izda hawnhekk qed issir referenza ghall-Artikolu 99 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, meta l-istess artikolu jghid hekk, *"L-att li bih jigi maghruf tifel imnissel u mwieled barra miz-zwieg jista' jigi attakkat mit-tifel kif ukoll minn kull min ikollu interess"*. Ghalhekk permezz ta' dan l-artikolu l-legislatur qed jaghti l-opportunita' lil kull persuna interessata, f'dan il-kaz hija l-attrici, li tattakka c-certifikat tat-twelid hawn imsemmi, anke jekk l-istess attrici flimkien mal-konvenut P ghamlu dikjarazzjoni differenti minn dak li jirrizulta fil-provi ta' din il-kawza.

Illi dwar it-tielet eccezzjoni il-Qorti tirrileva li waqt is-seduta tal-24 ta' Gunju 2015 il-konvenut C D iddikjara illi meta twieled il-minuri I, huwa kellu tletin sena, kien residenti fil-lokalita ta' Birkirkara filwaqt li missieru jismu G D (li kien haj fiz-zmien meta twieled il-minuri). Ghalhekk it-tielet eccezzjoni giet sorvolta wkoll.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet kollha attici u konsegwentement:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-minorenni I P huwa l-wild naturali u bijologiku tal-konvenut C D;
2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-att tat-Twelid tal-minuri I P bi-nuru t'iskrizzjoni 1721/2008 ihassar il-konnotati kollha tal-missier u cioe' ta' S P u minflok jissostitwihom bid-dettalji kollha ta' C D, bil-karta ta' l-identita' numru 0221477(M), iben G D li kien haj fiz-zmien meta twieled il-minuri, imwieled il-Pieta` u li fiz-zmien tat-twelid tat-tarbija kellu tletin sena u kien residenti Birkirkara;
3. Tilqa' t-tielet talba u tordna li l-minorenni I P ghandu jiehu l-kunjom tal-missier naturali tieghu u cioe' "D" minflok "P";

Bl-ispejjez fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa ad eccezzjoni ta' l-ispejjez tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li ghandhom jinqasmu b'mod ugwali bejn l-attrici u l-konvenut C D.